

Il-Kodiċi tal-Istatuti tal-Aġenzija Żvediża tat-Trasport



AĠENZJA
ŻVEDIŻA TAT-
TRASPORT

Ir-regolamenti u l-pariri ġenerali tal-Aġenzija Żvediża tat-Trasport dwar il-veloċità massima għal vetturi b'żewġ trejlers;

TSFS 20 **[Sena]**:

[Nru]

Ippublikati fil-
[Agħżel data]

adottati fi **[Agħżel data]**.

TRAFFIKU FIT-TOROQ

Bis-saħħa tal-Kapitolu 4, l-Artikolu 20 tal-Ordinanza dwar it-Traffiku fit-Toroq (1998:1276), l-Aġenzija Żvediża tat-Trasport toħroġ¹ ir-regolamenti li ġejjin.

Dispożizzjonijiet introduttorji

Artikolu 1 Dawn ir-regolamenti fihom dispożizzjonijiet dwar il-veloċità massima għal vetturi b'żewġ trejlers f'każijiet għajr dawk speċifikati fil-Kapitolu 4, l-Artikolu 20, it-tieni paragrafu, il-punt 2 tal-Ordinanza dwar it-Traffiku fit-Toroq (1998:1276). Ir-regolamenti japplikaw għal kombinamenti ta' vetturi b'tul ta' mhux aktar minn 25.25 metru.

Artikolu 2 Il-kliem u l-espressjonijiet użati f'dawn ir-regolamenti għandhom l-istess tifsira bħal fl-Att dwar id-Definizzjonijiet tat-Traffiku fit-Toroq (2001:559) u l-Ordinanza dwar id-Definizzjonijiet tat-Traffiku fit-Toroq (2001:651).

Eżenzjonijiet

Artikolu 3 Minkejja il-Kapitolu 4, l-Artikolu 20 tal-Ordinanza dwar it-Traffiku fit-Toroq (1998:1276), vettura b'żewġ trejlers tista' tinstaq fit-triq sa massimu ta' 80 km/h, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 8. Jekk tiġi stipulata veloċità aktar baxxa għat-triq, dak il-limitu tal-veloċità japplika għall-kombinament ta' vetturi.

¹ Ara d-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika.

Kundizzjonijiet

Artikolu 4 It-tul tal-kombinament tal-vettura m'għandux jaqbeż 25.25 metru. Dan ma japplikax għal kombinamenti ta' vetturi operati abbażi ta' permess għall-ittestjar ta' kombinamenti itwal ta' vetturi maħruġ mill-Aġenzija Żvediża tat-Trasport bis-saħħa tal-Kapitolu 4, l-Artikolu 17d tal-Ordinanza dwar it-Traffiku fit-Toroq (1998:1276).

Artikolu 5 Il-vetturi kollha li jinkludu l-kombinament ta' vetturi għandhom ikunu mġhamra bi brejkijiet kontra l-illokkjar skont

1. Id-Direttiva tal-Kunsill 71/320/KEE tas-26 ta' Lulju 1971 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-mezzi ta' l-ibbrejkjar ta' ċerti kategoriji ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom; jew

2. Ir-Regolament Nru 13 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UN/ECE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi tal-kategoriji M, N u O fir-rigward tal-ibbrejkjar

Ir-Regolament ECE ġie adottat mill-Unjoni Ewropea, u ppubblikat u tradott għall-Iżvedizz fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 6 Il-kombinament tal-vettura għandu jkollu żewġ punti ta' ċappetta.

Artikolu 7 L-ebda fus, għajr il-fus(ien) ta' quddiem tat-trakk, m'għandu jkun fus direzzjonali b'veloċitajiet ta' aktar minn 40 km/h.

Pariri ġenerali

Fuq trakk, fus bissel orjentabbli li jinsab quddiem il-fus motorizzat għandu jitqies bħala fus ta' quddiem.

Artikolu 8 Jekk it-trejler ta' wara nett ikun trejler b'fus ċentrali, l-għoli tiegħu, inkluża t-tagħbija, ma għandux jaqbeż 4.0 metri.

Jekk it-trejler ta' wara nett ikun semitrejler, l-għoli tiegħu, inkluża t-tagħbija, jista' jaqbeż 4.0 metri biss jekk id-distanza mill-king pin sal-fus tat-trejler, jew iċ-ċentru tal-fusien mhux direzzjonali tiegħu, tkun mill-inqas 7.5 metri.

1. Dan l-istatut għandu jidhul fis-seħħ fil-**xx ta' April 2025**.

2. Dan l-istatut iħassar ir-regolamenti tal-Amministrazzjoni Żvediża tat-Toroq (VVFS 2005:131) dwar il-veloċità massima għall-vetturi b'żewġ trejlers (kombinament doppju).

F'isem l-Aġenzija Żvediża tat-Trasport

JONAS BJELFVENSTAM

Pär Ekström
(Triq u Ferrovija)